# Ktieb fuq il-ġrajja tal-Kitba Mqassra.

"Il-kitba mqassra (jew Stenografija) ġejja mill-kitba mtawwla, jew dina minn dik?" Donnu hemm x'juri li aktarx il-kitba mtawwla ġejja mill-imqassra.

Minn dak li nsab fl-ibliet il-qodma (bħal ma hija l-belt il-qadima ta' Ur), jidher illi n-nies ta' żmenijiet il-qedem kienu jinqdew b'egħliem li bihom kienu jfissru mhux ittra waħda biss iżda kelma sħiħa u iżjed minn waħda f'daqqa, frażi, u għaqda ta' ħsebijiet flimkien. Ma għandniex xi ngħidu li dan is-sistema huwa tqil ħafna (jixhduh l-alfabeti Ċiniż u Ġappuniż) u ftit għalhekk kienu dawk li kienu jafu jiktbu. Dawn il-ftit kienu magħduda bħala saħħara (bħal ma kienu magħdudin dawk li jdewwu n-nies u dawk li 'jaqraw' il-kwiekeb). U aktar żdied it-tfixkil meta maż-żmien kibret iċ-ċiviltà, u għalhekk kotor il-kliem. Għalhekk mela nħoloq l-alfabet tal-ktiba mtawwla li t-tfal jitgħallmuh b'ħeffa kbira. Iżda jekk insab li dan l-alfabet jiswa ferm biex wieħed jitgħallmu b'ħeffa kbira insab ukoll illi f'dawn iż-żmenijiet ta' għaġla mhux biżżejjed ħafif biex jaqdi l-ħteġiet tal-lum, u għalhekk il-bniedem raġa (bħal f'ħafna ħwejjeġ oħra) għall-imgħoddi u qed jinqeda b'kitbiet li jqassru sewwa l-kelmiet u, xi drabi, frażijiet sħaħ

F'din il-ħaġa wkoll Malta ma reditx toqgħod l-ura.

Il-Kostituzzjoni kienet li tat il-ħajja lill-kitba mqassra f'Malta. Mal-qawmien tal-Isien Malti kien hemm bosta li fasslu xi sistema Malti fuq l-Ingliż, jew fuq it-Taljan meħud mill-Ingliż. Iżda kull wieħed minn dawn kellu sistema tiegħu li jifhmu huwa biss. Fost dan it-taħwid inqala' Ġorġ Ransley li daħal għal din il-ħaġa bir-ruħ u l-ġisem u fassal sistema għal Malti. Huwa għamel minn kollox biex dan is-sistema jxerrdu u jgħallmu kemm jista' lill-Maltin, u l-iktar liż-żgħażagħ. Dawna ma naqsuhx, il-għaliex raw kemm ikun jinħteġilhom il-quddiem.

Jekk it-tfixkil ma naqsux, iżda hekk ukoll Ransley sab nies li għenuh minn qalbhom, u b'hekk huwa rnexxielu jibni x-Xirka tiegħu tas-Sinktib (kif huwa laqqamha) fuq sisien mill-aħjar u wassalha fejn tinsab il-lum. Mhux ta' b'xejn li hu għażel il-kelmiet "Jiena nista'—jiena rrid."

Dan l-aħħar huwa ħareġ (mill-mitbgħa tal-Gvern), ktieb li semmieh "Storja tas-Sinktib". Dan il-ktieb hu mogħni b'ħafna dokumenti u mżejjen b'ħafna tiswiriet. Fih isemmilna biċċa, biċċa, il-ġrajja tas-Sinktib mas-sekli. Huwa jiftaħ dan il-ktieb billi jsemmi l-bosta ismijiet li s-sinktib kellu fiż-żmenijiet. Għaddejt mat-tmenin waħda. Imbagħad jibda bil-kliem tal-Kitba Mqaddsa u hekk jibqa' nieżel sa' żmenijietna. Għal-kemm il-ktieb hu kollu interessanti, l-aktar li jolqotna hu, ma għandniex xi ngħidu, fejn imiss 'il Malta. Ransley ħalla Taqsima għaliha biex jitħaddet fuq il-ġrajja tas-sinktib f'dawn il-Gżejjer Jibdielna billi jgħidilna li aktarx San Luqa, l-Appostlu, kien sinkittieb. Haġa li tista' tkun, meta niftakru li dan l-Appostlu kien pittur u li fiż-żmenijiet ta' l-imgħoddi kienu jpinġu u jiktbu bir-rix.

A. FARRUĠ.